MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Numru. 69/2002

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dennis Theuma]**

**vs**

**John Fenech**

**Kumpilazjoni Numru: 69/2002**

Illum 19 ta' Dicembru, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi John Fenech ta' 45 sena, iben Anthony u Martha nee` Camenzuli, mwieled il-Pieta` nhar l-24 ta' Frar, 1963, residenti fil-fond numru 11, Triq l-Imsierah, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 167263M.

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta’ Jannar, 2002, u l’ erbgha xhur ta’ qabel go San Gwann, u fi bnadi ohra f’ Malta f’ hinijiet differenti,

a) talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’ tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Ukoll talli biegh jew xort’ ohra ttraffika r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

c) Ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontententi sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata mill-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’ jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazjoni u permess b’l-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

d) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentament emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’ jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

e) U akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f’ post, fi jew gewwa centru, u jew f’ distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta’ l-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonjiet li ghandhom x’ jaqsmu maghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f’ idejn terzi persuni b’ mod generali l-flejjes u l-propjeta mobbli kollha li jkunu dovuti lill jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma

propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi l-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi propjeta` mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali tad-9 ta' Dicembru 2008 biex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni diversi drabi wara li nghata zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu u dan wara li l-Qorti anke spjegatlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni.

Rat l-artikoli 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, 40A, 120A u t-tielet skeda tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 5 ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, it-tip u kwantita ta' sostanzi mertu ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti u wara li rat l-artikoli 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, 40A, 120A u t-tielet skeda tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 5 ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sentejn prigunerija u multa ta' tlett elef Euro

(€3000) li ghandha tithallas fi zmien sena, fin-nuqqas ta' hlas fiz-zmien stabbilit il-multa tigi konvertita minnufih f'prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 ta'l-istess Kap 9 tordna lill-imputat biex fi zmien sena mill-llum ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija wiehed u sebghin  Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€171.24) rapprezentanti spejjez relatati mal-hatra ta' esperti.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebieti bhala Dokumenti AG3, AG4, AG6, AG7, AG9, AG10, AG11 u AG12 a karigu tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------